REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1232

tal-11 ta' Settembru 2018

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011 fir-rigward tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż li ġejjin min-Norveġja u minn New Zealand

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 ([2]) jipprevedi l-ftuħ ta' kwoti tariffarji annwali tal-Unjoni fuq l-importazzjoni għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż, fosthom dawk li ġejjin min-Norveġja u minn New Zealand.

(2) L-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011 jipprevedi li l-kwoti tariffarji miftuħa permezz ta' dak ir-Regolament iridu jkunu ġestiti skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([3]).

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 ([4]) jipprevedi l-ftuħ ta' kwoti tariffarji annwali tal-Unjoni fuq l-importazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fin-Norveġja. L-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-kwoti tariffarji miftuħa permezz ta' dak ir-Regolament iridu jkunu ġestiti skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

(4) L-Unjoni Ewropea u n-Norveġja kkonkludew ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jikkonċerna l-preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli ("il-Ftehim man-Norveġja"). Il-Ftehim man-Norveġja ġie approvat f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/760 ([5]).

(5) Il-Ftehim man-Norveġja se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni. L-aħħar depożitu sar fis-16 ta' Lulju 2018. Għalhekk, il-Ftehim man-Norveġja se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2018. L-Anness IV tal-Ftehim man-Norveġja jipprevedi l-konsolidazzjoni ta' żewġ kwoti ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0210 u 0204, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 992/95 u bir-Regolament ta' Implimentazzjoni ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011 rispettivament, fi kwota tariffarja unika.

(6) Fl-interess taċ-ċarezza u ċ-ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li din il-kwota tariffarja unika tinfetaħ u tiġi ġestita skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Għalhekk, jenħtieġ li l-kwota tariffarja ta' prodotti li ġejjin min-Norveġja li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0204 titneħħa simultanjament mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011 abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(7) Ir-Regolament il-ġdid li jiftaħ il-kwota tariffarja unika fuq l-importazzjonijiet li ġejjin min-Norveġja li trid tiġi adottata skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013, se japplika mill-1 ta' Ottubru 2018. Għalhekk, jenħtieġ li l-emenda korrispondenti għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011 tapplika mill-istess data.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 tal- 20 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 36).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 tal-10 ta' April 1995 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għall-ċerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja (ĠU L 101, 4.5.1995, p. 1).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/760 tal-14 ta' Mejju 2018 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 1).
([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

(8) Bl-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, it-territorju doganali tal-Unjoni kiber. Konsegwentement, skont ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni daħlet f'negozjati mal-membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar mal-Istat Membru aderenti sabiex jintlaħaq ftehim dwar l-aġġustamenti kumpensatorji.

(9) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim ma' New Zealand") ġie inizjalat fit-18 ta' Mejju 2017. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1363 ([1]) awtorizzat l-iffirmar tiegħu, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1030 ([2]) ikkonkludiet il-Ftehim. Il-Ftehim ma' New Zealand jipprevedi ż-żieda mal-kwota tariffarja annwali allokata lil New Zealand, ta' kwantità ta' 135 tunnellata (l-ekwivalenti tal-piż tal-karkassi) li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0204.

(10) Għall-finijiet tal-amministrazzjoni xierqa tal-kwota tariffarja prevista mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011, jenħtieġ li l-kwantità addizzjonali tkun disponibbli fl-1 ta' Ottubru 2018.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011 jiġi emendat skont dan. Jenħtieġ li l-emendi japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehimiet man-Norveġja u ma' New Zealand.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni għal Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011 jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Settembru 2018.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1363 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 191, 22.7.2017, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1030 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 185, 23.7.2018, p. 1).

ANNESS

"ANNESS

IL-KWOTI TARIFFARJI TAL-UNJONI GĦAL-LAĦAM TAN-NAGĦAĠ U GĦAL-LAĦAM TAL-MOGĦOŻ (F'TUNNELLATI (T) TA' EKWIVALENTI TAL-PIŻ TAL-KARKASSI)

Kodiċijiet tan-NM	Dazju "ad valorem" %	Dazju speċifiku EUR/100 kg	Numru tas-serje skont il-prinċipju li min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel				Oriġini	Volum annwali f'tunnellati ta' ekwivalenti tal-piż tal-karkassi
			Annimali ħajjin (Koeffiċjent = 0,47)	Laħam tal-ħaruf bla għadam (1) (Koeffiċjent = 1,67)	Laħam tal-muntun/tan-nagħaġ bla għadam (2) (Koeffiċjent = 1,81)	Karkassi u laħam bl-għadam (Koeffiċjent = 1,00)		
0204	Żero	Żero	—	09.2101	09.2102	09.2011	L-Arġentina	23 000
			—	09.2105	09.2106	09.2012	L-Awstralja	19 186
			—	09.2109	09.2110	09.2013	New Zealand	228 389
			—	09.2111	09.2112	09.2014	L-Urugwaj	5 800
			—	09.2115	09.2116	09.1922	Iċ-Ċilì (3)	8 000
			—	09.2125	09.2126	09.0693	Greenland	100
			—	09.2129	09.2130	09.0690	Il-Gżejjer Faeroe	20
			—	09.2131	09.2132	09.0227	It-Turkija	200
			—	09.2171	09.2175	09.2015	Oħrajn (4)	200
			—	09.2178	09.2179	09.2016	*Erga omnes* (5)	200
0104 10 30 0104 10 80 0104 20 90	10 %	Żero	09.2181	—	—	09.2019	*Erga omnes* (5)	92

(1) U laħam tal-gidi.
(2) U laħam tal-mogħoż minbarra dak tal-gidi.
(3) Il-kwota tariffarja għaċ-Ċilì tiżdied b'200 t fis-sena.
(4) "Oħrajn" għandha tirreferi għall-membri kollha tad-WTO minbarra l-Arġentina, l-Awstralja, New Zealand, l-Urugwaj, iċ-Ċilì, Greenland u l-Iżlanda.
(5) "*Erga omnes*" għandha tirreferi għall-pajjiżi kollha tal-oriġini, inklużi dawk imsemmija f'din it-tabella."